## Taqsima Ċ: LINGWA

1. **Biddel in-numri fi kliem.**

   a. Fis-7 t-tifel qam jieħu l-kolazzjon.
   b. Jekk teħdilha 3 laringiet ma jifdlilha xejn għaliha.
   ċ. Is-superstizzjużi jemmnu li n-numru 13 iġib diżgrazzji.
   d. Min qal li fil-ħanut kien hemm 14 raġel?
   e. It-total kellu jkun 119.

**(10 marki)**

2. **Oħloq mistoqsijiet għal dawn it-tweġibiet:**

   a. Jiena niekol għall-ħabta tas-sebgħa.
   b. Luċija marret tara 'l ommha l-isptar.
   ċ. Għall-ħarġa konna ħmistax-il tifel u sitt ibniet.
   d. Is-sewwieq ma setax jara sewwa minħabba ċ-ċpar.
   e. Wara l-mewt ta' missieru Ċensu daħal jaħdem ma' mastrudaxxa.

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' *Security Guard* Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** Il-Ġimgħa 22 t'April 2022

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet, Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu it-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Il-paċi fid-dinja.
b. Ix-xogħol salmura tal-ġisem.
ċ. Aħjar uff inkella aħħ.
d. Bil-paċenzja u ftit tal-ħsieb........
e. Kompli din l-istorja. " Mela darba kien hemm........."
f. Il-ġuħ fid-dinja. **(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

L-irqad ta' waranofsinhar kien xi ħaġa li George qatt ma ħamel. Kif ra li ommu daħlet fil-kamra tagħha, qam u ħareġ baxx baxx mid-dar. B'hekk jgħaddi l-ħin sakemm jasal filgħaxija. Kien dak it-temp umdu ta' Settembru iżda lilu ma kien idejqu xejn għax ix-xemx taħraq tax-xahrejn ta' qabel kienet battiet sew u seta' joħroġ mingħajr ma jsir għarqan xraba. Kien dak iż-żmien tas-sena meta ommu kienet waslet biex tibdillu l-lożor. Kien wasal iż-żmien ukoll biex tibda l-iskola u biex idawwar is-siegħa u għal darba fis-sena jorqod siegħa żejda.

Hekk kif xiref mill-għatba 'l barra, ħsejjes ta' twerżiq ta' roti ta' karozza ħasduh. Ħsejjes bħal dawn kien kważi dara jismagħhom għax kull min kellu xi **karrakka** kien jara x'jagħmel biex juriha u jsemmagħha. U ħadd ma kien jitniffes sakemm ma joqtlux xi tifel. Imma din id-darba l-ħsejjes kienu qawwijin wisq. George tħarrek biex jara mnejn kienu ġejjin u lemaħ żewġ karozzi deħlin f'xulxin eżatt kif kien iħabbat il-karozzi li kellu taħt it-taraġ. Ħareġ wieħed mis-sewwieqa u rama jgorr, itaqtaq u jidgħi. F'temp ta' ftit minuti, inġabret ġemgħa nies li ħaġa bħal din kienet **tikolha bil-ħobż**. George ddeffes ukoll u sab post fil-qalba. Xi ħadd ġibed l-attenzjoni tas-sewwieq biex ma jkomplix jidgħi minħabba t-tfal. George dawwar rasu f'daqqa. Hu kien l-uniku tifel. Mela għalih kienu qed jgħidu "minħabba t-tfal". Imma hu kien sema' nies jidgħu. Min jaf kemm għaddew nies minn taħt it-tieqa tal-kamra tiegħu kollha jidgħu dagħa ifarrak il-ġebel. Ħadd qatt ma waqqafhom. Anke pulizija kien sema' jidgħi. Dażgur, meta kien mar jixtri l-bolli u għadda minn ħdejn l-għassa. Forsi d-dagħa kien ħażin biss quddiem it-tfal jew inkella meta jkun hemm ħafna nies.

Issa kien jonqoshom jiġu l-pulizija. Dam ħafna jistenniehom għax dawn ikollhom ħafna x'jagħmlu. Imma kien lest li jistenna għax il-karozzi tagħhom, kbar, sbieħ, u jleqqu kienu jsaħħruh. U fl-aħħar waslu, bil-lajma l-lajma f'karozza antika ta' wieħed mill-ġirien. L-ispettaklu kien majna sew u George rħielha lura lejn id-dar ma tmurx tqum ommu u tinduna li ħareġ.

*(Test meħud min-novella ta' Jesmond Bonnici:* ***Fid-Dinja tal-Kbar****)*



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1. Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. George kien jiddejjaq bit-temp ta' Settembru u kien jogħġbu aktar is-sajf qalil.
b. It-tifel kien imdorri bl-istorbju tat-twerżiq tar-roti tal-karozzi.
ċ. Fit-triq ta' George seħħ inċident tat-traffiku.
d. Billi kien waranofsinhar ma nġabrux nies jaraw x'ġara fl-inċident.
e. Sewwieq minnhom kien aġitat ħafna wara l-ħabta u beda jġib ruħu ħażin. **(20 marka)**

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. Semmi **żewġ** raġunijiet li għalihom George kien iħobb dan iż-żmien speċjali tas-sena.
b. Xi tfisser **karrakka** skont kif jużaha l-awtur fis-silta?
ċ. Xi tfisser il-frażi **tikolha bil-ħobż** skont kif imsemmija fis-silta?
d. X'ikkonkluda George fuq id-dagħa?
e. Taħseb li l-impressjoni tajba li kellu George fuq il-pulizija nbidlet wara dan l-inċident? Agħti **żewġ** raġunijiet għal dan. **(20 marka)**